MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 53/2007

**Aplan Ltd**

**Vs**

**Joseph Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta` Jannar, 2007 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mija u wiehed u erbghin lira, tmienja u erbghin centezmu (Lm141.48) rapprezentanti prezz ossia bilanc ta` prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu.

Bl-imghax u bl-ispejjez legali komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 3 ta` Frar, 2006 u nnotifikati lilu fit-12 ta` Dicembru, 2006 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba tas-socjeta` attrici.

Sema` lil Dr. Simon Galea Testaferrata li prodott mis-socjeta` attrici bil-gurament tieghu kkonferma illi l-konvenut baqa` ma ghamel ebda pagamenti u kwindi li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Ra li l-konvenut baqa` ma deherx lanqas ghas-seduta ta` llum sabiex jikkuntesta t-talba tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet premessi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallasha s-somma ta` mija u wiehed u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm141.48), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------